MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 299/2009

**Il-Pulizija**
**(Maggur George Farrugia)**
**Vs**
**Dino Schembri**

**Illum, 18 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Frar, 1998, ghall-habta tad-9.30 a.m., f'Misrah G. Debono, Msida, saq vettura numru AAU-546

1. b'manjiera traskurata;
2. perikoluza;
3. b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma vettura numru LAW-406 w involontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Graziella Cassar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 15 u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 17 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal multa fl-ammont ta’ mitejn u tlieta w tletin Ewro (€233) kif ukoll skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija, alternattivament, tirriforma, tvarja w tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonferma dawk il-partijiet tas-sentenza appellata fil-parti fejn issib lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l-appellant gie kkundannat multa ghall-ammont ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro w tlieta w disghin Ewro centezmu (€232.93) tlett xhur sospensjoni tal-licenzja w konsegwentement tibdel il-piena nflitta ghal wahda aktar lievi u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa w opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi huwa ben maghruf u stabilit li f’inkrocju hemm responsabilita’ fuq iz-zewg vetturi li jersqu lejh b’certa kawtiela sabiex dejjem jigi pprevenut kwalunkwe sinistru incident. Illi dan in-nuqqas ta’ osservanza da parti tal-“main road user” f’dan il-kaz is-sewwieqa tal-vettura LAW-046 kien ghal kollox nieqes.

Illi mhux talli kien hemm nuqqas ta’ osservanza da parti tas-sewwieqa tal- vettura LAW-046 ta’ din il-kawtiela w mhux biss ipprevaliet ruhha mid-dritta tar-“right of way”, izda l-parti l-ohra tefghet “all caution to the wind” u minflok

hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha hemm prelevanti, (kif hija dovuta li taghmel) u cioe' l-inkrocju u l-parkeggar ta' vetturi fil-vicinanzi, hija baqghet diehla fuq vettura prattikament wieqfa l'hin minn "sdtop sign" li qed tistenna li jkollha vizwali tajba w triq libera.

Ghaldaqstant, ir-responsabilita' ta' dan l-incident, meta wiehed jikkonsidra l- fatturi kollha w l-hsarat hekk ikkagunati jirrizulta car li kienet wahda attribwibbli purament lill-parti l-ohra w cioe' lil Graziella Cassar;

2. Illi l-fatturi kollha huma cari li anke jekk in-nuqqas tal-parti l-ohra ma jinnegax ir-responsabilita' tar-rikorrent, dawn il-fatturi kif rizultanti mix-xhieda jinnegaw it-traskuragni u l-perikolozita' a termini tal-akkuza w jissussiti biss l-element ta' nuqqas ta' hsieb li huwa ferm aktar lievi

Illi huwa pacifiku fid-dritt nostrali li l-element tal-perikolozita' w tat-traskuragni jehtiegu jkunu ppruvati bhala tali. Il-fatt li jsehh incident ma jfissirx li awtomatikament kien hemm sewqan perikoluz u jew traskurat. Dawn jehtiegu provi diretti li jsostnu tali akkuza w f'dan il-kaz in dizamina, l-prosekuzzjoni ma ppruvatx la l-perikolozita' w lanqas it-traskuragni;

3. Illi meta wiehed iqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u li anke jekk ghas-sahha tal- argument kien hemm jew seta' kien hemm responsabilita' da parti tal- appellant, din is-sentenza partikolarment is-sospensjoni tal-licenzja hija wahda gravuza w fil-kaz in dizamina, kienet tixraq piena aktar miti.

Ikkunsidrat :

Illi l-ilment tal-appellant qieghed ibbazat fuq in-nuqqas ta' apprezzament tad-dinamika tal-incident tal-Ewwel Qorti.

L-appellant allega illi kienet il-karozza l-ohra misjuqa minn Graziella Cassar illi dahlet fih, peress illi gibditu minn wara l-istop sign minhabba s-sewqan esagerat taghha.
Fi kwalunkwe kaz allega wkoll illi l-piena ta' sospensjoni kienet kiefra wisq u ma kienitx lokha. Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali ssottometta illi dana si tratta ta' apprezzament ta' provi f'liema kaz id-decizjoni tal-Ewwel

Qorti ma kellhix tigi disturbata. Skond l-iskiz, id-daqqa kienet fuq in-naha ta' wara fejn allura, jirrizulta car li Graziella Cassar kienet "in motion" u kien l-appellant li dahal fiha w mhux vice versa. Fi kwalunkwe kaz is-sospensjoni tal-licenzja kienet wahda tassattiva fil-kuntest tal-artikolu 15 u 18 tal-Kap. 65.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-process u d-deposizzjonijiet tax-xhieda w specjalment l-isketch tal-incident a fol. 3 tal-process, fejn il-karozza tal-appellant tidher ferm il-barra mill-istop sign u f'nofs it-triq tinvadi l-karreggjata li minnha kienet ghaddejja Graziella Cassar.

Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu, l-vettura tal-appellant qeghda imdahhal fuq in-naha ta' wara tal-genb ta' Cassar minn fejn huwa ovvju illi kien l-appellant li dahal fiha w mhux vice versa.

Fil-kuntest ta' dawn il-provi, l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li ghal dan l-incident kien jahti l-appellant Dino Schembri.

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 t'April, 1995 inghad :
*"hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha......."*

Wara li din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi migjuba fl-Ewwel Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha, anki ghal dak li jirrigwarda l-piena. Peress li kif tajjeb osserva l-Avukat Generali skond l-artikolu 15 u 18 tal-Kap. 65 il-piena ta' sospensjoni hija wahda tassattiva.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------